MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2008

Numru 85/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**v.**

**Joseph Spiteri**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Joseph Spiteri ta’ 48 sena, bin Francis u Carmela nee` Zammit, imwieled Pieta` nhar it-02/05/1959, residenti fil-fond The Willows, Triq l-Ghar ta’ Ninu, Xaghra, detentur tal-Karta ta’ l-Identita numru 303259M talli gewwa dawn il-Gzejjer nhar it-22 ta’ Marzu 2008, u fi zminijiet ta’ qabel minn gewwa truck tal-ghamla Ford Iveco tip Cargo li kellu n-numru tar-registrazzjoni IAE446 fil-basement tal-blokk bini msemmi ‘Olive Gardens’, Triq is-Srug, Xaghra, Ghawdex,

a. ghamel jew xjentement zamm jew kellu ghandu jew taht il-kontroll tieghu xi sustanza esplosiva taht dawk ic-cirkostanzi illi jaghtu ghaliex wiehed ghandu bir-ragun jahseb illi hu ghamilha, zammha jew kienet ghandu ghal hsieb mhux lecitu;

b. u aktar talli fl-istess data, hinijiet, lok u cirkostanzi dahhal f'Malta porvli ta' l-isparrar, jew esplosivi ohra, inkella fetah jew zamm fabbriki tal-porvli, jew xoghlijiet tan-nar, inkella fabrikki ohra fejn jinhadmu porvli jew esplosivi ohra, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija. Din il-licenzja ma tigix moghtija jekk kemm il-darba ma jittihdux il-prekwazzjonijiet mehtiega ghall-harsien tal-hajja u tal-proprjeta`;

c. u aktar talli fl-istess, data, hinijiet, lok u cirkostanzi, zamm ghall-bejgh jew hazen porvli ta' l-isparar jew esplosivi minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija; u

d. talli fl-istess data hinijiet, lok u cirkostanzi, xjentement halla li fond, illi tieghu hu d-detentur jew ghandu il-hsieb jew il-kustodja, gie wzat sabiex inzammu jew inhadmu fih porvli ta' l-isparar, esplosivi jew xoghlijiet tan-nar;

Rat is-sentenza ta' l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tal-24 ta' Marzu, 2008 li permezz taghha dik il-Qorti, fuq ammissjoni, sabet lill-imputat Joseph Spiteri hati skond l-imputazzjonijiet kollha u kkundannatu ghall-multa komplessiva ta' mitejn u disgha ewro (Euro 209); dik il-Qorti ordnat ukoll il-konfiska u d-distruzzjoni tal-esplossivi misjuba kif ukoll il-konfiska tat-*truck* indikat fl-akkuza;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali, minnu prezentat fit-8 ta' April 2008, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka jew, alternattivament, tirriforma s-sentenza appellata;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fid-diversi udjenzi;

Ikkunsidrat:

L-appellant Avukat Generali ghandu tliet aggravji li huma, bazikament, (1) li l-ewwel qorti pprocediet bil-kawza bhallikieku din kienet kawza sommarja, meta fil-fatt l-ewwel imputazzjoni tipotizza reat li jezorbita mill-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali; (2) l-ewwel qorti, ghalkemm sabet lill-appellat Spiteri hati skond l-imputazzjonijiet kollha, ma indikatx id-disposizzjonijiet kollha tal-ligi li kienu jikkontemplaw id-diversi reati; u (3) il-piena moghtija mill-Qorti Inferjuri kienet, minhabba fix-xorta jew fil-kwantita` taghha, differenti minn dik preskritta bil-ligi ghar-reati li dwarhom l-imsemmi Spiteri nstab hati.

Jinghad mill-ewwel u bla tlaqliq li l-appellant Avukat Generali ghandu ragun. Din il-Qorti tara li l-konfuzjoni kollha li nholqot f'dan il-kaz – konfuzjoni li ghaliha jahti, f'certu sens, ukoll l-ufficjal prosekutur l-Ispettur Josric Mifsud – hija dovuta ghall-fatt li l-Qorti Inferjuri ma rrealizzatx li l-ewwel imputazzjoni tipotizza r-reat kontemplat fl-Artikolu 313 tal-Kodici Kriminali, reat li jgib mieghu piena minn minimu ta' tmintax-il xahar sa massimu ta' disa' snin prigunerija, u li allura dan hu reat li jezigi li l-Qorti tal-Magistrati tipprocedi <u>bhala Qorti Istruttorja</u> u mhux, kif ghamlet l-ewwel qorti f'dan il-kaz, sommarjament bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. In fatti f'dan il-kaz hemm l-assenza totali ta' l-ezami ta' l-imputat skond l-Artikolu 392 tal-Kap. 9. Huwa <u>fil-kors ta' dan l-ezami</u> li l-imputat jista' jammetti ghall-finijiet ta' l-Artikolu 392A, u l-Qorti Inferjuri tkun allura tista' tghaddi ghas-sentenza (bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali) basta li r-reat ma jkunx soggett ghall-piena li teccedi l-ghaxar snin prigunerija. Sfortunatament anqas l-ufficjal prosekutur ma ndenja ruhhu jigbed l-attenzjoni tal-Qorti Inferjuri ghal dan il-*lapsus* da parti taghha. Jidher car, in fatti, li l-ewwel qorti hasbet li l-imputazzjonijiet kollha kienu jipotizzaw biss reati taht l-Ordinanza dwar l-Esplossivi, Kap. 33. Pero` anke hawn il-Qorti Inferjuri, regghet zbaljat. Apparti, naturalment, li fis-sentenza ma indikatx l-Artikolu 313 tal-Kodici Kriminali, anqas ma indikat l-Artikolu 9 tal-Kap. 33 – dana l-Artikolu 9 jikkontempla r-reat ipotizzat fit-tielet imputazzjoni. B'dan il-mod jigi li l-ewwel qorti vvjolat anke

d-disposizzjoni ta’ l-Artikolu 383 tal-Kodici Kriminali, vjolazzjoni li, kif dejjem gie ritenut minn din il-Qorti, tammonta ghal nuqqas ta’ formalita` sostanzjali ghall-finijiet tat-tieni parti tas-subartikolu (3) tal-Artikolu 428 tal-Kodici Kriminali.

Finalment, l-Avukat Generali ghandu ragun ukoll fir-rigward tat-tielet aggravju. Il-piena erogata tinjora ghal kollox dak li jipprovdi l-imsemmi Artikolu 313 tal-Kodici Kriminali ghal dik li hi piena.

Ghalhekk ma hemmx dubbju li s-sentenza appellata trid tigi mhassra. Din il-Qorti, izda, mhix tal-fehma li ghandha tiddeciedi hi l-meritu f’dan l-istadju, u dan biex ma tipprivax lill-appellat mill-beneficcju tad-doppju ezami.

Ghall-motivi premessi, tilqa’ l-appell ta’ l-Avukat Generali, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, u tibghat l-atti lura lill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) biex, bhala Qorti Istruttorja, tipprocedi mill-gdid u skond il-ligi fil-konfront ta’ l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-appellat Joseph Spiteri fl-24 ta’ Marzu 2008.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------